# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Borg Bonello)**

**Vs**

**Frances Ciantar**

Illum, 14 ta' Mejju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Frances Ciantar, 53 sena, bint Anthony Carabott u Georgina nee' Micallef, mwieleda Pieta' fil-15/11/1969 u residenti gewwa 30, St Francis Court, Flat 3, Triq San Gwann Gharghur detentrici tal-karta tal-identita' numru 489269 M akkuzata talli nhar is-26 ta' Mejju 2023 kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel gewwa l-fond bl-isem 30, St Francis Court, Flat 3 li jinstab fi Triq San Gwann, Gharghur

1) Haddimt jew gieghelt jew ippermettejt li jithaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat iehor simili, jew gieghelt jew ippermettejt li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lill-girien li joqghodu f' bini fil-qrib.
2) U aktar talli volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju.

   Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Michele Andrea Sposetti skond l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skond l-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-28 ta' Frar, 2024 Michele Andrea Sposetti qed jikkostitwixxu ruhu bhala *parte civile*.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2028 l-Qorti hatret lil Dr Robert Musumeci biex jaccedi fuq il-post u jiehu konjizzjoni tal-hsejjes, jisma' x-xhieda u jigu ezebiti r-recordings u jaghmel rapport.

Rat l-affidavit ta' PC 421 T. Debono ezebit mat-tahrika tal-kawza; rat ix-xhieda tal-Perit Dr. Robert Musumeci li pprezenta rapport Dok RM fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2024.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2024 l-parte civile u l-imputat iddikjaraw li ma ghandhomx kontro-ezami ta' Dr Musumeci u dikjaraw il-provi maghluqa.

Illi l-imputata ghazlet li ma tixhidx f' dawn il-proceduri;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Dr Robert Musumeci;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikoli 41(2)(a)(b) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Art. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-art 383 u 412 C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat x-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' digriet moghti nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, 2024 il-Qorti hatret lil Dr Robert Musumeci biex jaccedi fuq il-post u jiehu konjizzjoni tal-hsejjes, jisma' x-xhieda u jigu ezebiti r-recordings u jaghmel rapport.

Illi x-xhieda giet migbura mill-perit tekniku Dr Robert Musumeci li ikkonferma r-rapport tieghu fis-seduta tal-ta' Gunju, 2024.

<u>Xhieda quddiem il-perit tekniku</u>

**Affidavit ta' PS 1154 Sciberras**. Nhar il-12 ta' Awwissu, 2023 Michele Andrea Sposetti ghamel rapport li Frances Ciantar li toqghod fir-residenza ta' fuqu kienet qeghedha taghmel hafna storbju ta' muzika u li kienet qed iddejqu. Huwa stqarr li l-istorbju beda ghal habta ta' 06:50 hrs tat-12 ta' Awwissu, 2023 u naqa sejjer sa 09:22 hrs.

Waqt li Michele kien qed jaghmel ir-rapport l-pulizija mar fir-residenza ta' Frances Ciantar fejn kellimha li kien sar rapport kontriha. Frances talbet li jidhol fid-dar u innota li kien hemm radio zghir li fuqu kien ghaddej dokumentarju fuq l-annimali, izda ma kienx hemm storbju eccessiv. Dan ir-radio gie innutat li kien qieghed that tieqa ta' shaft li kienet miftuha.

Frances Ciantar inghatat id-dritt tas-silenzju u d-dritt li tikkonsulta ma avukat u stqarret dan li gej

"fit-8:30 ta' filghodu bdejn nahsel l-art u ghandi radio u meta inkun qeghedha nahsel l-art incaqalqu mieghi sabiex nisma xi haga minn kamra ghal ohra sabiex ma nitahlux hafna. Jiena ghandu radio ta' 9 pulzieri u kif ghedt incaqalqu mieghi sabiex ma naghmilx storbju u ma fih l-ebda' speaker."

**Affidavit ta' PC 421 T. Debono** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Fil- 30/04/2023 Michele Andrea Sposetti ghamel rapport fl-ghassa tan-Naxxar fuq daqq gholi ta' storbju minn gara tieghu li toqghod fit-tielet sular ta' blokk ta' appartamenti li huwa sovrastanti ghal maisonette fejn jirrisjedi gewwa l-Gharghur. Huwa stqarr li l-gara minn xi sitt xhur

qabel bdiet iddoqq muzika kuljum f' hinijiet differenti tal-gurnata li kien jinstema mix-xhaft komuni tal-propjetajiet.
Il-kwerelant stqarr ukoll li l-imputata kienet ghamlet rapport kontrih fuq theddid u insulti – rapport numru 8/S/1488/2021.
Frances Ciantar giet mitkellma mill-pulzijia fuq dan ir-rapport fit 30/04/2023 u giet infumata bid-dritt li tkellem avukat u li zzomm is-silenzju. Hija infurmat lil pulizija li hija xtaqet tkellem avukat.

Fit-28 ta' Mejju, 2023 Michele Andrea Sposetti rega' ghamel rapport lil pulizija fil-konfront ta' Frances Ciantar u rrapporta diversi incidenti fejn kien hemm muzika gholja li kienet qed tinstema mix-xhaft komuni.
Il-pulizija regghet ghamlet kuntatt ma Frances Ciantar fid-29 ta' Mejju 2023 li pprezentat ruhha l-ghassa tal-pulziija. Hija inghatat id-dritt li tkellem avukat tal-ghazla taghha u li zzomm is-silenzju. Hija rifjutat li tkellem avukat u ffirmat dikjarazzjoni f' dan is-sens. Hija stqarret li hija ser tezercita d-dritt tas-silenzju meta mistoqsija dwar muzika gholja fir-residenza taghha.

**Michele Andrea Sposetti**, il-kwerelant, moghtija fid-29 ta' Mejju, 2024. Xehed li huwa kien ghamel zewgt rapporti fil-konfront tal-imputata. Xehed li l-imputata ddoqq muzika gholja fl-appartament taghha u l-garage 'morning and night'. L-incidenti bdew fis-sena 2022 izda hu ghamel rapport f' Marzu / April 2023. Id-daqq tal-muzika ghadu ghaddej. Jipprezenta USB stick li ha mis-shaft. In kontro-ezami jirrispondi li l-USB stick ghandha d-data u l-hin u li hu kiteb l-isem tal-file. Bejnu u bejn il-propjeta' tal-imputata hemm appartament iehor.

<u>Kontestazzjonijiet tal-Perit tekniku [1]</u>

1 Dan li gej irrizulta waqt l-access li nzamm nhar is-sitta (6) ta' Gunju 2024 fl-ambjenti mertu tal-kawza:

[1] Pagna 3 – 4 tar-rapport tal-perit tekniku Dr Robert Musumeci

1.1 Il-kwerelant Michele Andrea Spossetti huwa residenti fil-fond li jgib in-numru 32, La Verna, Triq San Gwann, Gharghur liema fond jikkonsisti f' maisonette elevat ftit 'il fuq mit-triq (minn issa 'l quddiem imsejjah *ukoll 'il-fond tal-kwerelant')*;

1.2 L-imputata **FRANCES CIANTAR (KI 489269M)** ghandha fil-pussess taghha zewgt fondi, ossia:

1.2.1 appartament li jgib l-indirizz *St Francis Court, Flat 3,* Triq San Gwann, Gharghur liema fond jinstab fit-tieni sular sovrapost il-fond tal-kwerelant (minn issa 'l quddiem imsejjah ukoll *'il-fond tal-imputata');*

1.2.2 Garaxx ta' vettura wahda sitwat immedjatament sottopost ghal fond tal-kwerelant (minn issa 'l quddiem imsejjah ukoll *'il-garaxx tal-imputata')*. Dan il-garaxx jifforma parti minn korp ta' garaxxijiet taht il-livell tat-triq. Sabiex vettura tipprosegwi mit-triq lejn dan il-garaxx, din trid tinzel rampa, tibqa' sejjer dritt minn passagg fil-gemb u tieqaf go fetha quddiem il-garaxx sakemm il-bieb tal-istess garaxx jinfetah.

2. Fil-prezenza ta' l-avukati tal-partijiet, il-kwerelant idderiga ruhu lejn l-ambjenti segwenti:

2.1 Is-*shaft* intern tal-fond tal-kwerelanti – hawn gew ikkonstatati tlett aperturi fil-hajt li jiddividi l-arja ta' dan is-s*haft* mill-fond tal-imputata fit-tieni sular izjed 'il fuq. Dawn l-aperturi kienu jikkonsistu fi twieqi tal-*aluminium* li setghu jinfethu. Il-kwerelant spejga li l-ilment tieghu sa fejn jikkonsisti dan is-shaft jikkonsisti f' muzika gholja emanenti mill-fond tal-imputata meta l-imsemmija aperturi jinzammu miftuha. Fil-hin tal-access il-background noise kien fil-limiti ragjonevoli mistenni f' ambjent residenzjali;

2.2 Il-fetha quddiem il-bieb tal-garage tal-imputata fejn il-vettura trid tieqaf ghal xi hin sakemm il-bieb tal-imsemmi garaxx jinfetah. Il-fond tal-kwerelant jigi immedjatament fuq dan il-livell. Jiddividi z-zewgt livelli hemm struttura, ossia saqaf, tal-konkos. Il-kwerelant spjega li l-ilment tieghu sa fejn kien jikkoncerna dan l-ambjent jikkonsisti filli l-imputata kienet thalli l-muzika fil-vettura taghha f' livell gholi

waqt id-dhul u l-hrug ta' l-istess vettura mill-garaxx. Fil-hin ta' l-access il-*background noise* kien fil-limiti ragjonevoli mistenni f' ambjenti residenzjali."

Konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku[2]

"4. Dawn is-26 video talbilhaqq juru l-ambjenti okkupati mill-kwerelant u l-imputata, bil-muzika gholja tinstema gmielha fil-*background*. Dawn is-26 *video* inghataw isem li, skont il-kwerelant, jirraprezenta d-data ta' meta gew registrati minnu personalment;

5. Minn naha taghha, l-imputata ghazlet li ma tixhidx u lanqas tressaq provi.

6. Ghaldaqstant, id-data ta' meta ttiehdu dawn is-26 *video,* is-supposizzjoni li dawn il-*videos* ttiehdu personalment mill-kwerelant u l-pretest li l-imputata kienet fil-kontroll tal-muzija gholja ma gew fl-ebda' punt kontradetti."

Ikkunsidrat,

Illi għas-sejbien ta' ħtija kriminali il-Qorti trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata f'eżami sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha ta' kull xorta li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla threshold ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

[2] Pagna 17 tar-rapport

Illi fil-kaz in ezami l-*parte civile* ressaq prova tramite ta' *video recordings* li ghamel hu stess li trasferihom hu stess gewwa USB u li hu stess kiteb id-data taghhom. Dawn ittiehdu mis-shaft komuni tal-blokka. Illi fil-blokka ma jghixux l-imputata u l-parte civile biss imma hemm ukoll appartament fin-nofs fejn jirrisjedi persuna ohra.

Illi PS 1154 Sciberras fl-affidavit tieghu mar fir-residenza tal-imputata wara li rcieva rapport dwar storbju u dahal fir-residenza tal-imputata u hemm ra radio zghir Dan ir-radio gie innutat li kien qieghed that tieqa ta' shaft li kienet miftuha. Fl-affidavit tieghu s-surgent irraporta il-verzjoni tal-imputata li qalet

"fit-8:30 ta' filghodu bdejn nahsel l-art u ghandi radio u meta inkun qeghedha nahsel l-art incaqalqu mieghi sabiex nisma xi haga minn kamra ghal ohra sabiex ma nitahlux hafna. Jiena ghandu radio ta' 9 pulzieri u kif ghedt incaqalqu mieghi sabiex ma naghmilx storbju u ma fih l-ebda' speaker."

Illi l-Perit Tekniku fil-konkluzjonijiet tieghu jikkwalifika li dawn huma kwalifikati mis-supozzizzjoni li li dawn il-*videos* ttiehdu personalment mill-kwerelant u li d-dati huma vertijieri. Mir-rapport ma jihdrix li l-perit tekniku dahal fl-appartament tal-imputata jew li kejjel il-hoss li l-appartat li kellha l-imputata d-dar setgha jipproduci.

Il-Qorti zzid li hemm ukoll is-suppozzizzjoni li jekk kien hemm storbju fl-ambjenti dawn gew ikkawzati mill-imputata.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tiddeciedi li dawn l-imputazzjonijiet ma gewx ipprovati sal-grad rikjest ghal sejbien ta' htija.

Decide

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l- l-artikoli 41(2)(a)(b) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Art. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-art 383 u 412 C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda ssib lil Frances Ciantar mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**